**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 11 TA' JANNAR, 2002

**Numru: 3**

**Avviz Nru: 1502/01 AE**

**Maltacom plc**

**vs**

**Nazzareno Abela**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' erbgha mija u lira Maltija u hamsa u sittin centezmu (Lm401.65), liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 676544 li gie nstallat fil-fond li jgib l-isem Blokk 5B, Flat 2, Triq is-Sur, Isla u dan skond 'service agreement'.

Ra li l-konvenut debitament notifikat ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher fis-seduti tas-7 ta' Jannar 2002 u dik tal-lum.

Semgha lill-avukat Dr. Ingrid Zammit Young tikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li sal-lum l-ammont mitlub ghadu dovut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa' t-talba kif dedotta mis-socjeta attrici u jikkundanna lill-konvenut hallas is-somma ta' erbgha mija u lira Maltija u hamsa u sittin centezmu (Lm401.65), liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 676544 li gie nstallat fil-fond li jgib l-isem Blokk 5B, Flat 2, Triq is-Sur, Isla u dan skond 'service agreement', bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez (inkluzi d-drittijiet legali) ikunu ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**